MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 124/2010

**Il-Pulizija**
**(Maggur John Engerer)**
**Vs**
**Carmel Penza**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta’ estera **MA.GI.CA EXPERT CONTSTRUCT SA**, b’indirizz 28D Maria Lazarescu Street, District 4 (postal code 042172), Bucharest, Romania, u/jew bhala l-persuna li kienet tidher li qed tagixxi f’tali kariga, w/jew bhala l-persuna li kienet inkarigata mill-istess socjeta’ sabiex thallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas parti mill-pagi dovuti ghal perjodu bejn it-30 t’Awissu, 2008, u t-8 t’Ottubru, 2008 ammontanti ghal €4,321.13 naqas li jhallas in-notice dovut ammontanti ghal €576.92, naqas li jhallas il-vacation leave dovut

ammontanti ghal €337.73, naqas li jhallas il-weekly allowance dovut ta' Settembru 2008 u ta' Marzu 2009, ammontanti ghal €34.90, u naqas li jhallas il-bonus statutorju ta' Dicembru, 2008 ammontanti ghal €38.48 li b'kollox jammontaw ghal hamest elef, tliet mija w disgha Ewro u sittax-il centezmu (€5309.16) u li kienu dovuti lill-ex impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija w cioe' lil Noel Abdilla fit-8 ta' Ottubru, 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
tat-2 ta' Marzu, 2010, li biha, wara li rat l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata mid-difiza laqghet din l-eccezzjoni u konsegwentement astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-22 ta' Marzu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tghaddi biex tiddeciedi l-appell skond il-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti :-
Illi preliminarjament jinghad illi din l-eccezzjoni giet issollevata peress illi skond id-difiza kienet is-socjeta' estera MA.GI.CA EXPERT CONSTRUCT SA, b'indirizz 28D Maria Lazarescu Street, District 4 (postal code 042172), Bucharest, Romania, li kellha r-responsabbilita' tal-pagamenti favur is-sinjuri Emanuel u Noel Abdilla bhala impjegati ta' din l-istess socjeta' u fejn allegatament ir-reati adebitati lill-appellant sehhew ukoll f'pajjiz esteru. Illi minghajr ma' l-Qorti tat motivazzjonijiet ghad-decizjoni taghha hi qaddiet biex tilqa' din it-talba wara li semghet ix-xhieda ta' Paul Costa in rapprezentanza tad-dipartiment tax-xoghol u Relazzjonijiet Industrijali kif ukoll il-provi tas-sinjuri Abdilla.

Illi sabiex il-Qorti tasal ghal din il-konkluzzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni jew le, l-Qorti kellha tiddetermina jekk mill-fatti li sehhew u mic-cirkostanzi li rrizultaw ai termini tal-provi li semghet u in vista tad-dokumenti li gew ezebiti, l-kaz kienx jinkwadra f'wahda mic-cirkostanzi msemmijin fl-artikolu 5 tal-Kodici Kriminali li jirregola l-gurisdizzjoni tal-Qrati taghha. B'kull rispett lejn il-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, ma jidhirx li l-Qorti ghamlet ezami akkurat bizzejjed peress li kien hemm cirkostanzi li kkonfermaw il-gurisdizzjoni tal-Qorti in kwistjoni u dan kif ser jinghad hawn taht.

Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, peress li l-proceduri sehhew kontra Carmel Penza bhala direttur jew rapprezentant tas-socjeta' esterakif imsemmija jew bhala l-persuna li kienet inkarigata li taghmel il-pagamenti kollha mehtiega ta' impjegati ai termini tal-kundizzjonijiet tax-xoghol taghhom, il-Qorti kellha tiddetermina l-eccezzjoni mqajjma fir-rigward ta' Carmel Penza fil-kapacita' tieghu. Il-kawza ma ngabitx kontra s-socjeta' estera per se izda kontra Carmel Penza da parti tas-socjeta' in kwistjoni jew fil-kapacita' ta' direttur/rapprezentant jew fil-kapacita' ta' persuna inkarigata li thallas lis-sinjuri Abdilla tal-pagi u beneficcji taghhom. Kwindi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni jew oltre kellha tigi ddeterminata fir-rigward ta' Carmel Penza w mhux ffir-rigward tas-socjeta' in kwistjoni.

Illi ghal kull buon fini u dejjem inghajr pregudizzju ghas-sueccipit, jinghad illi d-disposizzjoni li tirregola dawn ir-reati u cioe` l-artikolu 45 tal-Kapitolu 452 jitkellem dwar ir-responsabbilita' tal-principal li ai termini tal-kuntratti msemmija kien is-sur Carmel Penza bhala Managing Director, kif debitament iffirmat minnu stess u li skond l-istess att ghandu r-responsabbilita' fost ohrajn li jhallas il-paga *"li tinkludi kull bonus li jithallas skond l-artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati ma' l-esekuzzjoni tax-xoghol jew mal-produzzjoni"* . Kwindi l-kwistjoni dwar il-gurisdizzjoni o meno tas-socjeta' MA.GI.CA EXPERT CONSTRUCT SA lanqas kellha ghalfejn tigi sollevata f'dawn il-proceduri.

Illi jekk induru lejn il-provi dokumentarji li gew ezebiti in atti jirrizulta b'mod car li l-kuntratt tax-xoghol sar bejn MA.GI.CA EXPERT CONSTRUCT SA u s-sinjuri Emanuel u Noel Abdilla f'zewg kuntratti separati mmarkati bhala dok PC3 u PC4 li fl-ahhar pagna tal-kuntratti li huma identici ghal xulxin jindikaw lil Carmel Penza bhala l-persuna li ffirmat bhala Managing Director ghan-nom tal-kumpanija MA.GI.CA EXPERT CONSTRUCT SA u kwindi ma jidhirx li hemm xi dubbju li l-appellant huwa l-persuna li kellha l-kapacita' li tidher ghan-nom tal-imsemmija socjeta' w li filfatt dahlet fil-ftehim mas-sinjuri Abdilla ghax-xoghol li jifforma l-mertu tal-akkuzi migjuba kontrih. Jirrizulta wkoll mill-provi li nstemghu l-Qorti izda li ma gewx irregistrati peress li l-proceduri huma ta' natura sommarja, li dawn il-kuntratti gew iffirmati hawn Malta bejn l-appellant u l-impjegati li sussegwentement ghamlu l-kwerela taghhom lid-Dipartiment tax-Xoghol u relazzjonijiet industriali hawn Malta.

Illi kwindi huwa carissimu li l-vittma f'dan il-kaz dejjem irrikonoxxa lil Carmel Penza bhala l-persuna li kienet tirraprezenta s-socjeta' MA.GI.CA EXPERT CONSTRUCT SA U LI KELLHA FINALMENT THALLSU TAX-XOGHOL TAGHHOM KIF INKARIGATA MILL-ISTESS KUMPANIJA. Dan il-fatt gie wkoll ikkonfermat minn korrispondenza li saret bejn Carmel Penza w HFG Finance fejn l-istess appellant qed jitlob li jsir it-trasferiment tal-flus necessarju bl-iskop li kemm Noel kif ukoll Emanuel Abdilla jithallsu tal-ammont dovut lilhom. Hu hawnhekk ma kienx qed jagixxi bhala l-avukat taghhom izda bhala l-persuna li kellha l-inkarigu bhala persuna residenti hawn Malta li tghaddi l-flus lill-vittmi in kwistjoni fosthom Emanuel Abdilla, in vista tal-fatt ukoll li huma wkoll kellhom ir-residenza permanenti u c-cittadinanza hawn Malta. B'hekk johrog car ukoll li l-prosekuzzjoni kellha kull jedd u ragun li tipprosekwixxi kontra Carmel Penza fil-kapacita' tieghu kif imsemmi fl-akkuza peress illi dan gie ampjament ippruvat fis-seduta quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi jinghad ukoll illi n-nuqqas ta' pagament fil-konfront tal-vittmi baqa' jinkombi fuq Carmel Penza ghan-nom tas-

socjeta' MA.GI.CA EXPERT CONSTRUCT SA. Dan l-obbligu baqa' japplika w ghadu fil-fatt japplika peress li s-sinjuri Abdilla ma thallsux tax-xoghol taghhom u fil-fatt itterminaw l-impjieg minhabba f'hekk. L-aggravju kwindi huwa ta' natura kontinwu kif jinghad ukoll ai termini tal-artikolu 47(2) tal-Kapitolu 452 u mhux istantanju u dan peress li l-pagamenti mehtiega baqghu ma gewx onorati.

Illi di piu b'referenza ghal darb'ohra ghall-kuntratti tal-impjieg, jekk naraw il-klawsola numru 13 tal-istess kuntratti din il-klawsola tistipula minghajr tlaqliq li "*in any dispute between the Company and the employee the provisions of the Romanian/Maltese Laws will be applied".* Kwindi din il-klawsola ma teskludix li l-gurisdizzjoni Maltija ma tistax tapplika jew li ma tistax tapplika f'kawza ta' din in-natura. Anki a bazi t'hekk l-Ewwel Qorti setghet facilment tissorvola l-eccezzjoni tad-difiza w tkompli l-proceduri li ngabu kontra l-appellant skond il-ligi.

Illi finalment u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, jekk naghmlu referenza ghall-artikolu 5 tal-Kodici Kriminali naraw li fost l-istanzi fejn il-Qorti jkollha l-gurisdizzjoni li tipprosegwixxi hawn Malta fil-Qrati taghha hemm ic-cirkostanza ta' reat kommess fi kwalunkwe post (mhux biss gewwa Malta) minn persuna li ghandha residenza permanenti jew cittadinanza hawn Malta kontra persuna ohra li wkoll ghandha residenza permanenti jew cittadinanza hawn Malta (paragraph (1)(d) tal-artikolu 5). Jekk inqisu l-posizzjoni legali ta' Carmel Penza kif ukoll tal-appellanti Emanuel u Noel Abdilla m'hemm l-ebda dubbju li hekk kien il-kaz hawnhekk. Kwindi in vista ta' tali cirkostanzi kif imsahha mill-provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti jista' jinghad illi l-Qorti effettivament kellha gurisdizzjoni li tittratta l-kaz liema fattur, jerga' jinghad ghal kull buon fini, kellha ssir fil-konfront ta' Carmel Penza w mhux tas-socjeta' MA.GI.CA EXPERT CONSTRUCT SA. Nonostante cio` jinghad ukoll ai termini tal-istess artikolu 5 illi l-fatt li Carmel Penza huwa persuna ta' nazzjonalita' Maltija w li r-reat li huwa addebitat lilu huwa reat ta' natura kontinwa w li kwindi qed tkompli fl-esistenza taghha hawn Malta, iktar u iktar tikkonferma li l-Qorti kellha l-gurisdizzjoni tmexxi l-kawza in kwistjoni

kontra l-istess l-akkuzat Carmel Penza, ai termini tal-artikolu 5(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Din id-decizjoni se tkun limitata ghall-konsiderazzjoni dwar id-digriet maghmul mill-Qorti tal-Magistrati fit-tnejn (2) ta' Marzu ta' l-elfejn u ghaxra (2010) fejn astjeniet illi tieghu konjizzjoni ta' din il-kawza wara li laqghet eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni mqajjma mid-difiza. Fil-fatt b'verbal tat-tnejn (2) ta' Frar ta' l-elfejn u ghaxra (2010) d-difiza eccepiet in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti peress illi "ir-reat gie allegatament kommess f'pajjiz esteru minn principal domiciljat f'pajjiz esteru u cioe' r-Rumanija." Kif ga naghad bid-digriet tat-tnejn (2) ta' Marzu ta' l-elfejn u ghaxra (2010), l-Qorti tal-Magistrati u astjeniet milli tiehu konjezzjoni ultrjuri tal-kawza. L-Avukat Generali hass ruhu aggravat b'dan id-digriet li minnu nterpona Appell ghar-revoka tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-Appell ta' l-Avukat Generali qed isir fit-termini ta' l-Artiklu 413(1)(b)(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li wkoll jawtorizzah jinterponi Appelli minn digrieti simili. Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa direttur jew rapprezentant guridiku lokali tas-socjeta estera MA.GI.CA. EXPERT CONSTRUCT SA b'indirizz 28D Maria Lazarescu Street, District 4, PO 042172, Bucharest, Rumanija. Din is-Socjeta tramite Carmel Penza dahlet f'kuntratti ta' xoghol ma Emanuel u Noel Abdilla. Il-kuntratt tax-xoghol ta' Noel Abdilla gie terminat fit-tmienja (8) ta' Ottubru ta' l-elfejn u tmienja (2008), izda kien hemm ammonti ta' paga, vacation leave u weekly allowance li ma thallsux u ghalhekk id-Dipartiment tax-Xoghol istitwixxa kawza kontra Carmel Penza sabiex ihallas l-ammont indikat fic-citazzjoni. F'dan l-istadju l-Qorti mijiex sejra tidhol fil-relazzjoni guridika jew personali bejn Carmel Penza u s-Socjeta estera. Biss mhuwiex kontestat illi Penza huwa cittadin Malti kif ukoll huma Emanuel u Noel Abdilla, bhal ma lanqas huwa kontestat illi dawn ta' l-ahhar dahlu f'obbligazzjonijiet kontrattwali mas-Socjeta estera. Il-

kwistjoni trid tigi deciza minn din il-Qorti f'dan l-istadju jekk il-Qorti tal-Magistrati kelliex gurisdizzjoni illi tisma dan il-kaz.

Ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza l-Qorti bilfors tirreferi ghal Artikolu 5 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li tirregola t-tmexxija ta' l-azzjoni kriminali fil-Qrati Maltin. Dan l-Artiklu jghid li dawn il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni illi jmexxu azzjoni kriminali . . . kontra kull cittadin ta' Malta jew residenti permanenti f'Malta . . . dwar xi reat kontra persuna ta' cittadin ta' Malta jew ta' xi resident permanenti f'Malta . . ."

Ma hemmx dubbju illi kemm l-appellat Carmelo Penza u Emanuel u Noel Abdilla huma cittadini Maltin u allura dan biss jirradika l-gurisdizzjoni tal-Qrati lokali. Dana qed jinghad minghar pregudizzju dwar il-meritu kif ukoll ir-relzzjoni guridika illi tezisti bejn l-appellat Carmelo Penza, s-socjeta estera u l-parti civili Noel u Emanuel Abdilla. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tat-tnejn (2) ta' Marzu ta' l-elfejn u ghaxra (2010) fejn astjeniet milli tiehu konjezzjoni ta' din il-kawza u tordna illi l-Atti jigu rinvijati lill-Qorti tal-Magistrati biex il-kawza titkompla tinstema u deciza fil-meritu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------